MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 1737/2001/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera CGU Insurance plc hekk kif surrogati fid-drittijiet tal-assikurata taghha Dr. Peter Micallef sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Dr. Peter Micallef**

**vs**

**Angelino Abela**

**It-Tribunal**,

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' disgha mija u tmienja u tletin lira Maltija u hdax-il centezmu (Lm938.11), danni li gew ikkagunati f'incident tat-traffiku li sehh fl-20 ta' April 2000 gewwa Qormi, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni HAO

578 misjuqa mill-konvenut u l-vettura bin-numru GAM 212 msijuqa minn u propjeta ta' l-attur, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut.

Ra li l-konvenut ghalkemm gie debitament notifikat baqa' ma deherx ghas-seduti u lanqas ma kkontesta dawn il-proceduri. Sahanistra mir-riferta a fol. 7 tal-process jirrizulta li l-konvenut irrifjuta n-notifika ta' l-atti gudizzjarji.

Semgha x-xhieda ta' l-attur Dr. Peter Micallef li fiha spjega li dakinhar ta' l-incident:

(a) Huwa kien qieghed isuq Peugeot bin-numru GAM 212 filwaqt li l-konvenut kien qieghed isuq trukk bi trailer;

(b) L-incident sehh f'Qormi.

(c) Fit-triq kienu qeghdin isiru xogholijiet u f'hin minnhom it-triq kienet tidjiq b'tali mod li vettura wahda biss setghet tghaddi. F'din il-parti tat-triq il-vettura misjuqa mill-attur kienet iktar il-quddiem mit-trukk.

(d) Hekk kif l-attur gie biex ighaddi minn din il-parti tat-triq, il-konvenut baqa' jsuq bil-konsegwenza li ha l-gemb ta' quddiem tal-vettura misjuqa mill-attur.

Wara li t-Tribunal qies il-provi mressqa mill-atturi, u li ma gew bl-ebda mod ikkontestati mill-konvenut, iqies li l-htija ta' l-incident hija unikament tal-konvenut.

Fir-rigward ta' l-ammont reklamat dan jirrizulta sodisfacentement ippruvat mid-dokumenti ezebiti mill-atturi [fol. 47 – 53].

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddecidi l-kawza billi filwaqt li jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh fl-20 ta' April 2000 gewwa Qormi, jikkundannah ihallas lill-atturi s-somma ta' disgha mija u tmienja u tletin lira Maltija u hdax-il centezmu (Lm938.11), bl-imghax kif mitlub.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------